MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2006

Numru. 111/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Carmelo Magri)**
**(Spt. Victor Aquilina)**
**vs**
**Khaled El Bahlul Masaud**
**Nafaa Ali Arbi Ossta**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra :–
**Khaled El Bahlul Masaud** ta’ 35 sena, bin Bahlul u Warda, mwieled Tripoli Libya fit-12 ta’ Mejju, 1970, residenti ‘Hades’ numru 1, Triq il-Parilja, B’Kara u detentur tal-passaport Libjan bin-numru 543202;
**Nafaa Ali Arbi Ossta** ta’ 28 sena, bin Ali u Ammna, mwieled fil-Libya fil-25 ta’ Mejju, 1977, residenti fil-fond 3, Triq San Mark, San Giljan u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 24291(A)

Talli fit-2 ta' Frar, 2006 ghall-habta tal-4.20 ta' wara nofsinhar fi Triq il-Grazzja, B'Kara:

Ikkommettew serq ta' basket minn fuq il-persuna ta' Maria Cauchi minn B'Kara li kien fih Lm1,700 fi flus kontanti, dokumenti u apparat cellulari tal-marka 'Samsung-SGH-T100'. Liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin [Lm1,000];

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Maria Cauchi skond kif iccertifikaha t-tabib David Tanti MD mill-Iklin;

Lil **Khaled El Bahlul Masaud** wahdu talli fit-3 ta' Frar, 2006 ghall-habta tat-8.00 ta' filghodu kellu fil-pussess tieghu strument b'xafra u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Lil **Nafaa Ali Arbi Ossta** wahdu talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputati sabiex il-kaz kontra taghhom ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel seduta l-imputat Nafaa Ali Arbi Ossta irregistra ammissjoni tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu izda mhux ghall-aggravju tal-vjolenza dwar l-ewwel akkuza;

Illi minkejja l-akkuzi kif riportati a fol. 1 ta' dan il-process, l-avukat generali effettivament zied ma' dawn l-akkuzi billi indika l-artikolu 334 tal-Kap 9, kif ukoll l-artikoli 13, 19, 26 u 27 tal-Kap 66. Ghalhekk l-ammissjoni tal-imputat Ossta mhix qed tkun konsidrata fuq l-akkuzi kollha izda fuq dawk indikati fil-fol. 1 bir-rizerva ghall-aggravju tal-vjolenza fis-serq;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi fit-2 ta' Frar, 2006 ghall-habta tal-4.45pm il-Pulizija kienet infurmata illi Maria Cauchi kienet ghadha kemm irrapurtat incident fejn persuna barranija serqitilha l-basket li kellha fuqha. Fl-istess waqt kienet waslet ukoll informazzjoni anonima lill-Pulizija illi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAQ 338 kienet intuzat f'dan l-allegat reat. Minn tfittxija li saret, il-Pulizija traccat il-vettura u fiha kien hemm l-imputat Ossta. Dan indikalhom fejn kienu joqghodu zewg persuni ohra u minn hemm kien arrestat ukoll l-imputat Masaud. Fuq il-persuna ta' Ossta instabet is-somma ta' Lm 456 kif ukoll telefon cellulari li japparteni lill-vittma u fuq il-persuna ta' Masaud instab mus.

Il-prosekuzzjoni esebiet stqarrija tal-imputat Ossta fejn iddikjara illi l-imputat Massaud u hu kienu telqu lejn B'kara bil-vettura EAQ 338 ta' Ossta. Dan ipparkja ftit 'l boghod fejn nizzel lill-Masaud u dan ta' l-ahhar gie lura b'basket ta' mara f'idu. Huma marru d-dar, qassmu l-flus, Ossta ha t-telefon cellulari u hargu jixtru. Fl-istqarrija tieghu, Masaud ikkonferma illi kien hu li seraq il-basket lil mara li kien jafha u li kien jaf li jkollha l-flus tal-hanut fuqha. Minkejja dan, huwa qal li l-imputat Ossta kien zamm kull ma kien hemm f'dan il-basket u hu ma ha xejn minnu.

Il-vittma xehdet illi hija gharfet lill-imputat Masaud bhala l-persuna li haditilha l-basket. Hija kienet ratu gurnata qabel u dakinhar tas-serqa gie fuqha biex jistaqsija xi haga u minnufih hatfilha l-basket u telaq jigri. Hija waqghet bil-fixkla u wegghet idejha ix-xellugija. F'dan il-basket, il-vittma kellha madwar elf u seba mitt lira flus kontanti, cheque ta' mija u hamsin lira u mobile phone bic-charger mieghu valur ta' sittin lira.

Ikkunsidrat

Illi il-fatti kif esposti juru illi z-zewg imputati kienu ppjanaw li jisirqu lill-vittma billi jehdulha l-basket li kienu jafu li kien

jikkontjeni somma ta’ flus. In effetti l-basket kien fih somma in eccess ta’ elf lira maltin u l-prosekuzzjoni resqet provi sufficjenti biex tipprova dan l-aspett u ghalhekk il-Qorti ma ghandha ebda dubju li l-akkuza kif ravvizata fl-artikoli 261 (c) hija pruvata fil-grad li trid il-ligi. Fil-konfront tal-imputati, izda, kien ukoll attribwit l-aggravju tal-vjolenza kif ravvizat fl-artikolu 261 (1) u 262 (1) (a) u (b) tal-Kap 9. Dan l-aggravja, fil-kaz in dizamina, jista’ jirnexxi jekk il-prosekuzzjoni tipprova li s-serqa kienet akkumpanjata b’feriti fuq il-persuna jew li jekk l-imputat jipprezenta ruhu armat. Dwar l-ewwel aspett, ma hemm l-ebda prova li l-vittma sofriet xi feriti biex twettqet is-serqa fuqha. Fl-ewwel lok kienet il-vittma stess li xehdet illi wara li sehhet is-serqa, tfixxklet u waqghet. Minkejja li waqghet, it-tabib li ezaminaha ma setghax johrog certifikat mediku ghaliex ma rriskontra ebda sinjali esterni in sostenn tal-ilmenti dwar ugiegh. Inoltre, fl-ebda parti tax-xhieda ma jirrizulta illi l-imputat Masaud li hataf il-basket minn idejn il-vittma kellu fuqu il-mus esebit mill-prosekuzzjoni. Dan il-mus instab fuq l-imputat Masaud l-ghada tas-serqa u infatti l-prosekuzzjoni akkuzat lill-Masaud bil-pussess illegali tal-mus fid-data tat-3 ta’ Frar, u cioe l-ghada tas-serqa proprja. Ghalhekk l-imputati ma jistghux jinstabu hatja ta’ serq aggravat bil-vjolenza u qed ikunu illiberati minn din l-akkuza;

Bhala konsegwenza ta’ htija tas-serq aggravat bil-valur, din il-Qorti mhix issib illi imputati hatja tal-akkuza ta’ ricettazzjoni kif ravvizata fl-artikolu 334 tal-Kap 9, liema akkuza hija wahda alternativa ghal dik ta’ serq.

Illi fil-konfront ta’ l-imputat Masaud wahdu, l-prosekuzzjoni esebiet mus li nstab fuqu meta kien intercettat mill-pulizija u ta’ dan ma kellu ebda licenzja. Ghalhekk qed jinstab hati ta’ din l-akkuza;

Illi fil-konfront ta’ Ossta, dan ghandu akkuza li hu recediv u apparti l-ammissjoni tieghu fuq dan, l-prosekuzzjoni ressqet id-debita prova billi esebiet is-sentenza relattiva kif ukoll il-prova tal-identita’ dwar l-istess. Jirrizulta, izda, illi l-avukat generali invoka l-artikolu 289 li jipprovdi ghal zieda bi grad jew tnejn f’kaz ta’ recediva, prattikament,

dwar serq. Minn ezami tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-10 ta' Dicembru, 2003 moghtija fil-konfront tal-imputat Ossta, dan kien instab hati ta' hsara volontarja fuq vettura u liinstab Malta minghajr il-permess tal-awtoritajiet – haga li bl-ebda mod ma ghandha x-taqsam ma' dak kontemplat mill-avukat generali. Ghalhekk il-Qorti mhix ser tapplika d-dispost tal-artikolu 289 tal-Kap 9.

Ghal dawn il-mottivi, qed issib lill-imputati hatja flimkien ta' serq aggravat bil-valur; lill-imputat Masaud wahdu ta' pussess illegali ta' sikkina u lill-imputat Ossta recediv ai termini tal-artikou 49 u 50 tal-Kap 9 u tilliberahom milli akkuzi l-ohra;

Fil-konfront tal-imputat Masaud, wara li rat l-artikoli 261 (c), 267, 279 (b) tal-Kap 9, 13, 19, 26 u 27 tal-Kap 65;

Fil-konfront tal-imputat Oosta, wara li rat l-artikoli 261 (c), 267, 279 (b), 49 u 50 tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputati u kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat Oosta;

Tikkundanna lill-imputat Masaud ghal terminu ta' prigunerija ta' tmintax-il xahar (18) mil-lum u lill-imputat Ossta ghal terminu ta' prigunerija ta' tlettax-il xahar mil-lum.

Tordna inoltre il-konfiska tal-mus esebit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------